MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 488/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' NOVARTIS AG, socjeta' estera ta' nazzjonalita' Svizzera, b'indirizz ta' CH-4002 Basel, Svizzera**

**vs**

**Immobilier France Ltd ezercenti l-Kummerc bl-isem ta' Euro Medical Supplies, entita` estera registrata fi Companies House tal-Ingilterra u Wales bin-numru 05491340 u b' indirizz ta' Yew Tree Studios Stone Street Stanford North Kent TN25 6DH fil-Renju Unit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali ta’ **NOVARTIS AG,** socjeta’ estera ta’ nazzjonalita’ Svizzera, b’indirizz ta’ CH-4002 Basel, Svizzera datat 12 ta’ Mejju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta’ attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’ Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ prodotti farmacewtici fosthom “GLIVEC”, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru n-negozju taghha;

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni *mat-trademarks* taghha “NOVARTIS” u “GLIVEC” dwar prodotti farmacewtici;

Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) b’effett f’ Malta mill-1 ta’ Mejju 2004 is- segwenti u cioe’ NOVARTIS (kelma, numru 000304857) u “GLIVEC” (kelma, numru 00354761) u dan *inter alia* dwar preparazzjonijiet farmacewtici;

Illi inoltri u fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha rregistrati f’ Malta it-*trademarks* bin-numri ta’ registrazzjoni 25999 - NOVARTIS (kelma, b’effett mit-18 ta’ Lulju 1996) u 39425 - GLIVEC (kelma, b’effett mit-12 ta’ Gunju 2003), u dawn ikopru preparazzjonijiet farmacewtici;

Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti *tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*** u tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba’ mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta’ Malta)** biex b’hekk, b’applikazzjoni tal-**artiklu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No***

***1383/2003,*** tgawdi mill-protezzjoni moghtija *inter alia* fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikli tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu "a", erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414;**

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artiklu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) *tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artiklu erbgha (4) tal-istess Kap. 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx ta' *airfreight package* (Lufthansa Cargo AG *Air Waybill* 020-54861295) komprendenti *inter alia* prodotti (pakketti, *leaflets* u *blisters* kontenenti pilloli) li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "NOVARTIS" kif ukoll "glivec", u waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqt procedura ta' tranzitu estern. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-veriflki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta'drittijiet dwar proprjeta'intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-erbatax (14) ta' April elfejn u ghaxra (2010) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopji ta' dokumenti kummercjali relattivi ghal dan il-kaz fejn, bhala *shipper* hemm indikata *Youghall Company Ltd,* ta' *Suite 82, 2nd Floor, medime mews, chaussee street, port louis, Mauritius, MAURITIUS* u bhala kumpratrici hemm indikata entita' bl-isem ta' *Euro Medical Supplies,* ta' *Yew Tree Studios, StanfordNKent TN25 6DH, U.K.;*

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *one thousand eight hundred (60 blister packets x 30 tablets each = 1800) GLIVEC 400mg tablets,* jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll, *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru hamsa (5) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikli sittax (16) u sbatax**

**(17)** ***tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003,*** **tal-Artiklu disgha (9) subartikolu wiehed ("1.") paragrafi "a" u "b"** ***tal-Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark,*** **tal-artikli ghaxra (10), erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att dwar** ***it-Trademarks*** **[Kapitolu erbgha mija u sittax (416) tal-Ligijiet ta' Malta], u tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003)**.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-tnax (12) ta' Mejju elfejn u ghaxra (2010) inkluz, sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' pakketti, *leaflets* u *blisters* kontenenti pilloli, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "NOVARTIS" u "glivec" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li *airfreight package* (Lufthansa Cargo AG *Air Waybill* 020-54861295) kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' - l-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez ‘l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 216 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2010.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunal Civili datat 1 ta’ Settembru 2010 a fol 252 li permezz taghha esebew dokumenti mibghuta lis-socjeta` Euro ta’ Companies House House UK; u nota ohra datata 13 ta’ Ottubru 2010 (fol 254) li permezz taghha esebiet Certificate of Service mahrug mill-Awtorita` Ingliza.

Rat ir-rikors tal-kumpanija Immobilier France Limited datata 19 ta’ Ottubru 2012 a fol 674 tal-process fejn talbet lill-Qorti tawtorizzaha tintervjeni f’din il-kawza *in stato et terminis a tenur* tal-**artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**; u l-Qorti, rat ir-risposta, u *in vista* tar-rikors tas-socjeta` attrici datat 26 ta’ Ottubru 2010 fejn qed jitlob li s-socjeta` rikorrenti tigi nkluz bhala parti fil-kawza l-Qorti tistenna l-ezitu tal-istess f’dan l-istadju u allura astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess rikors odjern.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Luigi Sansone datat 26 ta’ Ottubru 2010 a fol 705 fejn is-socjeta` attrici talbet li din il-Qorti joghgobha tordna li fl-okkju tal-kawza numru 488/2010 RCP u kull fejn jokkorri fl-atti relattivi, il-frazi “Euro Medical Supplies” entita` estera b’ indirizz ta’ Yew Tree Studios, Stanford N Kent TN25 6DH fir-Renju Unit” tigi mnehhija u sostitwita bil-frazi “IMMOBILIER FRANCE LTD ezercenti

l-kummerc bl-isem ta’ EURO MEDICAL SUPPLIES, entita` estera registrata fi Companies House Tal-Ingilterra u Wales bin-numru 05491340 u b’ indirizz ta’ Yew Tree Studios, Stone Street, Stanford North, Kent TN25 6DH fir-Renju Unit; u l-Qorti rat ir-risposta u laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni rikjesta fl-okkju tal-kawza u f’ isem tal-entita`- socjeta` intimata b’dan li l-atti kif korretti jergghu jigu notifikati mill-gdid lis-socjeta` intimata Immobilier France Ltd u dan b’ mod immedjat.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpanija Immobilier France Limited registrata fir-Renju Unit bin-numru 0591340 ta' Yew Tree Studios, Stanford n Kent TN25 6DH fir-Renju Unit datata 14 ta’ Dicembru 2010 a fol 47 tal-process fejn **Adam Harris** detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 301010488, bhala Direttur u rapprezentant ta’ Immobilier France Limited, bil-gurament tieghu kkonferma: -

Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament, il-kumpanija intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li hija, inkluz in-negozju taghha gestit taht *it-trade name* ‘Euro Medical Supplies’, m’ghandha ebda konnessjoni mal-konsenja ta' medicina mertu ta’ din il-kawza u/jew mal-kumpanija Youghall Limited registrata fil-Mauritius indikata fir-rikors guramentat bhala l-mittenti ta’ tali konsenja, u hija totalment estraneja ghall-fatti kollha mertu ta’ din il-kawza, u dan kif ser jirrizulta mill-provi li ser jingiebu waqt is-smiegh ta’ din il-kawza.

2. Illi ghall-istess raguni fuq imsemmija, il-kumpanija intimata m’ghandha ebda interess fl-ewwel tliet talbiet tar-rikors guramentat tar-rikorrenti *nomine*, u b’hekk m’ghandha ebda oggezzjoni li din il-Qorti tilqa’ tali talbiet, salv ghal dak li jikkoncerna l-kumpanija intimata fit-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tar-rikors guramentat peress li l-kumpanija intimata m’ghandha x’taqsam xejn ma’ tali konsenja.

3. Illi ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija, il-Kumpanija intimata m' ghandhiex tbati l-ispejjez mitluba mir-rikorrenti nomine fir-raba' (4) talba tar-rikors guramentat tieghu, u fi kwalunkwe kaz m' ghandha tbati ebda spejjez in konnessjoni ma' din il-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine*.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kumpanija Immobilier France Limited a fol 715 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Frar 2011 fejn Dr. Luigi Sansone irtira r-rikors datat 2 ta' Frar 2011. inghata digriet affidavits partijiet ta' tletin (30) gurnata kull parti u l-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta wahda u wara l-provi jigu dikjarati maghluqa. Il-kawza baqghet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota tal-Kumpanija Immobilier France Limited datata 7 ta' April 2011 a fol 742 li permezz taghha pprezenta affidavit ta' Adam Harris, Direttur tal-istess Kumpanija.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-6 ta' Ottubru 2011 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-provi huma maghluqa u talbu jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet tletin (30) gurnata b' dan li tibda' s-socjeta` attrici, bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2012; il-verbal tad-29 ta' Marzu 2012 fejn il-Qorti peress li kellha bzonn iktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Dottor Luigi Sansone datata 4 ta’ Novembru 2011 a fol 956 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet risponsiva tal-Kumpanija intimata Immobilier France Limtied datata 14 ta’ Dicembru 2011 a fol 968 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Luigi Sansone datata 2 Frar 2011 a fol 996 tal-process fejn l-atturi *nomine* talab lill-Qorti tordna l-isfilz tar-risposta guramentata pprezentata mis-socjeta` estera konvenuta fl-atti ta’ din il-kawza, liema risposta guramentat giet ipprezentata fl-14 ta’ Dicembru 2010. L-istess rikors gie rtirat minn l-istess Dr. Luigi Sansone fit-3 ta’ Frar 2011 kif jidher a fol 720 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali bhala Gudizzjarja kompetenti f’ talbiet ghal Assistenza Reciproka f’ Materji Kriminali datata 24 ta’ April 2012 fejn talab lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex in vista tar-rikjesta mibghuta lilu mill-Qorti Franciza, tawtorizza r-rilaxx ta’ erba’ oakketti tal-medicina kontrafatta Glivec a favur tal-istess esponent, liema medicina tifforma parti mill-mertu ta’ din l-istess kawza u dan taht kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha li hu xierqa u opportun fic-cirkostanzi; u l-Qorti, bid-digriet taghha tas-27 ta’ Awwissu 2012, rat ir-risposta, u cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, b’dan li awtorizzat li 4 kampanjuni tal-istess konsenja jigu mghoddija lir-rikorrenti l-Avukat Generali bhala l-Awtorita’ Gudizzajarja kompetenti f’Talbiet ghall Assistenza Reciproka f’Materji Kriminali provizorji ghall-iskop indikat fir-rikors ghas-spejjez tal-istess rikorrenti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici bhala detentrici tal-marki "NOVARITIS" u "GLIVEC" qed titlob li l-ogetti li instabu f'airfreight package (Lufthansa Cargo AG Airway Bill 020 – 54861295 konsistenti fost ohrajn fi prodotti (pakketti, leaflets, blisters kontententi pilloli) li ghandhom l-marki fuq indikati jigu distrutti ghaliex huma foloz.

Illi izda qabel ma tista' tevalwa l-mertu ta' din il-kawza, din il-Qorti ghandha tikkonsidra dak li gie sottomess mis-socjeta' intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ossia r-rilevanza o meno ta' kawza deciza minn din l-istess Qorti citazzjoni numru 489/2010 fl'ismijiet "**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' NOVARTIS AG, socjeta' estera ta' nazzjonalita' Svizzera, b'indirizz ta' CH-4002 Basel, Svizzera vs Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li b'digriet tat-13 ta' Awwissu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Youghall Company Ltd., entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "Suite 82, 2nd floor, medime mews, chaussee street, Port Louis mauritius, MAURITIUS"** deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottobru 2011.

Illi s-socjeta ntimata tissottometti li din l-kawza tirrigwarda l-istess konsenja u li l-Qorti kienet ddecidiet li l-oggetti kienu kontrafatti u li s-socjeta Youghall Company Ltd. kienet is-shipper ta' din il-merkanzija u ghalhekk kienet ikkundannat lill-istess socjeta Youghall Company Ltd. sabiex tbati l-ispejjez tal-qerda ta' dawn l-oggetti. Is-socjeta ntimata tkompli li ghalhekk it-talbiet f'din il-kawza prezenti huma estinti billi diga hemm sentenza dwar dan l-mertu u li ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti zewg ordnijiet fuq talbiet identici f'kawzi separati kontra intimati diversi.

Illi s-socjeta ntimata b'din is-sottomissjoni qed tirreferi ghal eccezzjoni ta' *res judicata*, li izda ma gietx sollevata formalment fir-risposta guramentata. Din it-tip ta'

eccezzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*, izda jekk wahda mill-partijiet tigbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk indirettament, u mhux f'forma ta' eccezzjoni formali, li hemm sentenza ohra u precedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawzali, mbaghad l-Qorti hija obbligata li tinvestiga l-kwistjoni.

Illi din hija eccezzjoni ghar-regola u hawn qed issir referenza ghal kawza citazzjoni numru 656/1998 fl'ismijiet "**Vincent Cilia vs L-Onorevoli Prim Ministru et.**" deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2005. Tal-istess portata huma d-decizjonijiet hemm citati **"Nutar Oscar Azzopardi vs Gerald Cuschieri"** (P.A. – 19 ta' Dicembru 1950 (Kollez. Vol. XXXIV.ii.725); **"Pawlina Zammit proprio et nomine vs Gerald Zammit"** (P.A. 28 ta' Gunju 1954) (Kollez. Vol. XXXVIII.ii.533); **"Assunta Cassar vs l-Avukat Dott. Carmelo Zammit nomine"** (A.C. – 4 ta' Novembru 1955 (Vol. XXXIX.i.282); **"Giuseppe Mallia vs Carmelo Giordmaina"** (P.A. – 11 ta' Novembru 1957 (Vol. XLI.ii.63), u **"Toni Pellegrini vs Maurice Abela et nomine"** (Q.K. – 9 ta' Mejju 1966).

Illi ma dan jizdied jinghad li huwa wkoll principju generali li fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha nfethet it-tieni kawza jkun diga jezisti filwaqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza – citazzjoni numru 766/2000 fl'ismijiet **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et."** (P.A. (JRM) - 25 ta' Settembru 2003).

Illi izda huwa principju ormai stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' *res judicata* huma necessarji tlett elementi, jigifieri *eadem res, eadem personae* u *eadem causa petendi* (**"Ignatius Bonello nomine vs Godwin Pule'"** (P.A. 17 ta' Frar 1995).

Illi rigward l-ewwel element, ossia *eadem res*, ifisser li l-oggett mitlub fit-tieni kawza huwa identiku ghal talba precedenti li diga giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Fil-kawza **"Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Limited"** (P.A. (RCP) - 9 ta' Jannar 2002, intqal li:-

*“Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b’talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta’ talba gdida hu simili ghal ta’ decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.”*

Illi t-tieni element huwa “*eadem causa petendi*” jigifieri li l-mertu tat-tieni kawza jkun l-istess bhal mertu tal-kawza precedenti. Kif qalet il-Qorti fil-kawza msemmija aktar il’ fuq, sabiex il-kundizzjoni ta’ l-“*eadem causa petendi”* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b’sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-ahhar element huwa dawk tal-*eadem personae*, u sabiex jinkorri dan l-element huwa necessarju li l-kawza precedenti kienet maqtugha bejn l-istess persuni li jidhru bhala partijiet fil-kawza odjerna.

Illi wara li gew enuncjati dawn il-principji, din il-Qorti se taghmel riassunt kronologiku ta’ din il-kawza, flimkien mal-kawza citazzjoni numru 489/2010, li giet deciza minn din l-istess Qorti kif presjeduta. Il-kawza in dezamina gietipprezentata fit-12 ta’ Mejju 2010, li hija l-istess data li fiha giet registrata wkoll il-kawza citazzjoni numru 489/2010. Il-fatti ta’ dawn iz-zewg kawzi huma identici minghajr l-icken dubju u l-unika divergenza li hemm bejn kawza u ohra hija s-socjeta konvenuta fejn fil-kawza odjerna, is-socjeta konvenuta kienet originarjament “EURO MEDICAL SUPPLIES, entita estera b’indirizz ta’ Yew Tree Studios, Stanford N Kent TN25 6 DH fir-Renju Unit”, liema socjeta konvenuta permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti wara risposta tas-socjeta attrici, giet korretta u sostwita bis-socjeta “Immobilier France Ltd ezercenti l-kummerc bl-isem ta’

Euro Medical Supplies, entita estera registrata fi Companies House tal-Ingilterra u Wales bin-numru 05491340 u b'indirizz ta' Yew Tree Studios, Stone Street, Stanford North, Kent TN25 6DH fir-Renju Unit". Din il-korrezzjoni saret fis-16 ta' Novembru 2010.

Illi ghalhekk huwa car li mit-tlett elementi necessarji sabiex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-*res judicata*, jonqos wahda minnhom jigifieri *eadem personam*. Is-socjeta konvenuta fl-ewwel kawza mihiex l-istess socjeta konvenuta fil-kawza odjerna u ghalhekk din il-Qorti issa se tkompli bil-konsiderazzjonijiet dwar it-talbiet u relattivi eccezzjonijiet ta' din il-kawza.

Illi l-ewwelnett jinghad li peress li l-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti fil-kawza citazzjoni numru 489/2010 rigward il-kontrafazzjonijiet ta' dawn il-medicini japplikaw anke ghal dan il-kaz, ghaliex si tratta tal-istess konsenja ta' medicini u ghalhekk kif diga gie kkonsiderat fl-ewwel kawza, jirrizulta li s-socjeta' attrici ghandha validament irregistrat f'Malta t-trademarks Komunitarji (CTM) b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004 is-segwenti u cioe' NOVARTIS (kelma, numru 000304857) u "GLIVEC" (kelma, numru 00354761), u dan *inter alia* dwar preparazzjonijiet farmacewtici.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-14 ta' April 2010 li f'*airfreight package* (Lufthansa Cargo AG *Air Waybill* 020-54861295) komprendenti *inter alia* prodotti (pakketti, *leaflets* u *blisters* kontenenti pilloli) li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "NOVARTIS" kif ukoll "Glivec", u waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqt procedura ta' tranzitu estern; u dan kif irrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana George Agius, affidavit datat 12 ta' Mejju 2010, u fl-istess pakkett jirrizulta li kien hemm numru ta' pilloli kif indikat mad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat inkluz Dok "F".

Illi jirrizulta l-istess oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana peress illi kien hemm suspett li huma falsifikati, u fil-fatt minn ezamijiet li saru jirrizulta li effettivament tali

pilloli kienu kontrofatti kif jidher anke mir-rapport ta' Norbert Wall datat 11 ta' Mejju 2010 (Dok "LS 02").

Illi ghalhekk din il-Qorti issa se tghaddi biex tikkonsidra l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Immobilier France Limited li eccepit li ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'ghandha l'ebda konnessjoni mal-konsenja tal-medicina.

Illi mill-provi li gew prodotti mis-socjeta konvenuta jirrizulta li d-direttur ta' din is-socjeta huwa Adam Harris, u li huwa ghandu s-*shareholding* kollhu tal-kumpannija. Jirrizulta li s-socjeta Euro Medical Supplies Ltd gie likwidata fid-19 ta' Mejju 2009 – fol. 670 tal-process. Is-socjeta Immobilier France Limited giet registrata bin-numru 5491340 fis-27 ta' Gunju 2005, ara fol. 679 u s-socjeta Euro Medical Supplies Limited, bin-numru 6253005 giet registrata fit-18 ta' Mejju 2007. *"The Medicines and Healthcare Regulating Authority"* (MHRA) tal-Ingilterra hargu licenzja favur Immobilier France Limited sabiex jinnegozjaw u dan b'licenzja numru WL 32357, u li jirrizulta li bhala *trading name* kienu juzaw "Euro Medical Supplies", skond id-dokument esebit fol. 689 tal-process.

Illi mill-affidavit ta' Adam Harris (fol. 742) jirrizulta li l-licenza mill MHRA, nharget fit-3 ta' Jannar 2008. Huwa jkompli jghid li Immoblier France Limited tuza l-isem Euro Medical Supplies bhala *trading name* u li l-isem Immoblier France Limited jinsab fuq l-*invoices* u l-*letterheads* taghhom. Jghid li huwa akkwista s-socjeta' Euro Medical Supplies *"to act as a dominant company to protect my trading name."* (kontro-ezami ta' Asam Matthew Harris datat 14 ta' April 2010 - fol. 751)

Illi rigward il-mertu tal-kawza l-istess Adam Matthew Harris jghid li huwa qatt ma ra l-*invoice* datata 22 ta' Frar 2010 li hija ezebita bhala "Dok. F" a fol. 16 u 17 tal-process, u li hu qatt ma sema bis-socjeta Youghall Company Ltd. u li qatt ma ghamel ordni ta' Glivec minghandhom. In kontro-ezami, a fol. 747 tal-process jirrizulta li hemm *purchase order* mis-socjeta Brime Medical Solutions tas-Sud Afrika, rigward konsenja ta'

Glivec u li fil-fatt jezisti invoice li inhareg mis-socjeta' Youghall lejn is-socjeta tieghu. Huwa jkompli jghid li minn meta sar jaf b'din il-kawza huwa qatt ma pprova jaghmel kuntatt ma' Youghall u li s'issa ma kienx ha passi legali kontra taghhom. Jikkonferma wkoll li huwa kien kellem ma certu Adam Knight ftit granet qabel il-21 ta' Frar 2010 u li huma kienu ghamlu *purchase order* fl'eventwalita li l-medicina Glivec tkun *in stock*. Jghid li wara ma kienx kompla b'din l-ordni.

Illi wara dan ir-riassunt tal-provi li saru mis-socjeta konvenuta, din il-Qorti se tghaddi sabiex tikkonsidra l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' inttimata li hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Rigward din l-eccezzjoni s-socjeta konvenuta tissottometti li kien jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova l-konnessjoni tal-socjeta konvenuta mal-fatti allegati. Hija tkompli tghid li mhux talli ma giet ippruvata l'ebda konnessjoni izda li s-socjeta attrici ma gabet l'ebda prova konvincenti li l-allegazzjonijiet maghmulha minnha kienu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Skond is-socjeta' konvenuta l-kaz tas-socjeta' attrici huwa mibni fuq tlett binarji. L-ewwelnett, il-presenza tat-*trade name* tal-socjeta konvenuta fuq l-*Air Way Bill.* It-tieni nett, li s-socjeta rikorrenti kienet qed tinnegozja l-bejgh ta' konsenja ta' GLIVEC lil kumpannija fl'Afrika ta' Isfel fl-istess zmien li nqala dan il-kaz, u fl-ahharnett, l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset milli tipprocedi kontra dawk il-persuni u/jew entitajiet li setghu nqdew bl-isem taghha.

Illi allura s-socjeta' intimata qed tikkontendi, li s-socjeta attrici qeghda tistrieh fuq supposizzjonijiet u li ma hemmx provi tangibbli li jimplikaw b'xi mod is-socjeta konvenuta.

Illi minn naha taghha s-socjeta' attrici dwar din l-eccezzjoni tissottometti li ma hemm l'ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-trading name tas-socjeta' konvenuta huwa "EURO MEDICAL SUPPLIES" u li l-indirizz tas-socjeta' konvneuta jidher fuq l-inkartament ufficjali relattiv ghall-oggetti mertu tal-kawza. Illi ghalhekk skond il-principju ei *incumbit qui dicit, non qui negat*, tali provi

dokumentarja hija bizzejjed sabiex minnha titnizzel il-koinvolgiment ta-socjeta konvenuta.

Illi mhux dan biss, izda s-socjeta' attrici tkompli li mill-provi stess li saru mis-socjeta' konvenuta dawn juru l-koinvolgiment taghha fil-kwistjoni kollha. Specifikatament s-socjeta' attrici tirreferi ghal *purchase order* dwar "Gleevec 400MG 30s" datat 21 ta' Frar 2010, mid-ditta Brime Medical Solutions lil "Euro Medical Supplies". Ikomplu li mbaghad hemm l-konferma da parti ta' Adam Harris, bhala direttur managerjali tas-socjeta' konvenuta, li s-socjeta' Brime Medical Solutions kienet ordnat prodotti GLIVEC minghand is-socjeta' konvenuta wara li din indikat id-disponibilita ta' tali prodotti.

Illi tali ordni ma setax jitkompla ghaliex l-istess prodotti gew mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana ta' Malta. Skond is-socjeta attrici l-koinvolgiment tas-socjeta intimata huwa ppruvat wkoll tramite il-konnessjoni taghha ma' certu Adam Knight li kien jaghmilha ta' agent dwar xiri ta' prodotti GLIVEC u li kien organizza *business trip* fil-bidu ta' Ottobru 2008, sabiex Adam Harris u dan Adam Knight jiltaqghu ma' certu Claude Horn, sabiex jaraw jekk setghux jifthu linja ta' fornitura lil EURO MEDICAL SUPPLIES tal-prodotti GLIVEC.

Illi skond is-socjeta' attrici huwa wkoll stramb li s-socjeta' konvenuta ma bdiet l'ebda procedura gudizzjarja fil-konfront tal-entita estera Youghall, jew fil-konfront ta' Adam Knight jew anke fil-konfront ta' Claude Horn.

Illi dwar din l-eccezzjoni, din il-Qorti tikkonsidra li preliminarjament id-"Dokument F" li gie ezebit mis-socjeta attrici u li jirreferi ghal *invoice* datata 22 ta' Frar 2010, li s-socjeta Youghall Company Limited baghtet lil Euro Medical Supplies, bl-indirizz Yew Tree Studos, Stanford, ghal ordni ta' GLIVEC 400mg 30 Tablets ghal ammont ta' wiehed u ghoxrin elf euro (€ 21,000).

Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta Immoblilier France Limited tuza bhala *trading name* taghha Euro Medical Supplies u gie ddikjarat mill-istess socjeta fir-rikors taghha

a fol. 674 tal-process, li hija sid tad-ditta kummercjali Euro Medical Supplies u li mit-3 ta' Jannar 2008, l-istess socjeta giet licenzjata mill-MHRA sabiex topera fin-negozju tal-importazzjoni u esportazzjoni ta' medicini taht l-isem Euro Medical Supplies. Skond is-socjeta konvenuta Euro Medical Supplies, stante li hija trading name biss m'ghandiex personalita guridika. Dan huwa l-pern kollu tal-kwistjoni, jekk s-socjeta konvenuta bhala Immobliier France Limited hijex jew le responsabbli ghal agir ta' Euro Medical Supplies li hija wzata bhala *trading name* ghal istess socjeta konvenuta.

Illi hawn ghalhekk qed nitkellmu dwar ditta. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Paul Tabone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà *International Cane Limited,* illum maghrufa *Tabbingtons Limited vs* Charles Grech u Joseph Grech f'isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' *B.I. Stores"*,** (Citaz. Nru. 286/1991) deciza fis-7 ta' Dicembru 2004 (P.A. (GCD):-

*"Ditta ma hijiex hlief l-isem li bih negozjant imexxi n-negozju tieghu; ma hijiex persuna legali u l-personalità wara d-ditta tibqa' dejjem dik tan-negozjant stess:*

*La ditta è il nome con cui il negoziante esercita il commercio. Senza un commerciante non è concepibile una ditta, come non è concepibile un cittadino senza un nome.*

*La ditta esiste perchè esiste il commerciante, e non ha alcuna esistenza fuori di lui. Chi le attribuisce una personalità giuridica propria e distinta, chi considera il commerciante come il rappresentante della medesima, dice una cosa che non ha senso nè pel diritto, nè per la pratica commerciale. È lui, il commerciante, il solo padrone della ditta, il soggetto dei diritti che si esercitano coll'uso della medesima: in lui, nella sua rettitudine, nella sua solvibilità si affidano i terzi; la ditta non è che un contrassegno per distinguerlo dagli altri commercianti. (Cesare Vivante, Trattato di Diritto Commerciale, Vol. I, n. 140.)*

Illi f'din il-kawza, s-socjeta konvenuta rrilevat li hija s-sid tal-isem kummercjali Euro Medical Supplies, u li hija topera fin-negozju tal-importazzjoni u esportazzjoni tal-medicini proprju taht l-isem Euro Medical Supplies. Illi ghalhekk meta fuq *invoice* jidher l-isem Euro Medical Supplies, l-personalita guridika wara dak l-isem tad-ditta hija s-socjeta kummercjali li qed tuza dak l-isem sabiex tinnegozja. Ghaldaqstant s-socjeta konvenuta ma tistax tahrab mir-responsablita guridika taghha u tissottometti li ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qeghda tigi michuda.

Illi s-socjeta' konvenuta kompliet fir-risposta taghha li m'ghandha ebda oggezzjoni li din il-Qorti tilqa l-ewwel tlett talbiet attrici, ossia li i) tiddikjara li l-oggetti mizmuma taht l-Awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tas-socjeta attrici stante li huma falsifikati; ii) li tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi jew jiddistruggi dawn l-oggetti, minghajr l'ebda kumpens lis-socjeta konvenuta u ghas-spejjez taghhom, u; iii) li tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkolla l-effett li effettivament iccahhad lis-socjeta konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

Illi fl-istess eccezzjoni, s-socjeta konvenuta jkomplu li izda s-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez komtemplati f'tali talbiet, ghaliex huma kienu estranji kompletament ghal tali transazzjoni.

Illi rigward l-estranjeta' tas-socjeta konvenuta ghal tali transazzjoni, din il-Qorti ma hija hija xejn konvinta b'tali sottomissjoni. L-ewwelnett, hemm il-prova dokumentarja, jigifieri l-**invoice "**Dok. F" a fol. 16 u 17, tal-process fejn jidher l-isem "Euro Medical Supplies". Minbarra dan, l-provi li pproduciet s-socjeta konvenuta, kontrarjament ghal dak li ssottomettiet, juru bic-car li s-socjeta' konvenuta kienet involuta f'din il-vicenda.

Illi l-aktar fattur importanti fil-konvinciment ta’ din il-Qorti huwa li ghalkemm d-direttur tas-socjeta konvenuta Adam Harris jippruva jghid li ma kienx hemm relazzjoni ta’ xoghol bejnu u Adam Knight, l-emails kollha li gew ezibiti mis-socjeta konvenuta bhala Dok. “AMH 3” (minn fol. 764 sa fol. 938) tal-process juru proprju l-kuntrarju. Partikolarment l-ikbar prova f’dan kollu li ghamlet is-socjeta konvenuta stess huwa d-dokument ezibit bhala “Dok. AMH 4” a fol. 939 tal-process, li huwa *“purchase order”* datata 21 ta’ Frar 2010 (jigifieri gurnata wahda biss qabel l-*invoice* mertu ta’ din il-kawza) fejn Euro Medical Supplies ordnaw minghand socjeta fl’Afrika tas-Sud jisimha Brime Medical Solutions, “GLEEVEC 400mg 30s (French Pack) ghal ammont totali ta’ tletin elf euro (€ 30,000) – li huwa ezattament l-istess prodott li jidher fuq l-invoice “Dok. F”. Din il-Qorti ma temminx fil-koincidenzi u mill-assjem tal-provi prodotti, nkluz allura dawk li gew sottomessi mis-socjeta’ konvenuta stess, l-Qorti hija konvinta li s-socjeta’ konvenuta ma kienitx estranja ghal dan in-negozju. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha salv ghall dak provdut bid-digriet ta’ din il-Qorti datat 27 ta’ Awissu 2012 fuq rikors tal-Avukat Generali bhala Awtorita’ Gudizzjarja kompetenti f’Talbiet ghal Assitenza Reciproka f’Materji Kriminali maghmula b’rikors datat 24 ta’ April 2012.

## **<u>III KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u **tilqa’ t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita’ ta’ pakketti, *leaflets* u *blisters* kontenenti pilloli, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “NOVARTIS” u “glivec” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li *airfreight package* (Lufthansa Cargo AG *Air Waybill* 020-54861295) kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li huma falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ mitejn (200) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu tal-kawza odjerna, hlief kif provdut bid-digriet ta’ din il-Qorti datat 27 ta’ Awwissu 2012 fuq rikors tal-Avukat Generali bhala Awtorita’ Gudizzjarja kompetenti f’Talbiet ghal Assistenza Reciproka f’Materji Kriminali maghmula b’rikors datat 24 ta’ April 2012 u f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` konvenuta.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jekk kemm-il darba tali kampjuni mertu tad-digriet imsemmi jergghu jigu fil-pussess tieghu l-istess oggetti mehuda bhala kampjuni jigu distrutti bil-mod indikat fit-tieni talba attrici.

4. Tordna li s-socjeta` konvenuta ghandha tbati l- ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------